# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 10 ta' Dicembru 2001**

**Numru 5**

**Avviz. numru 860/00mm**

**Anthony Farrugia**

**vs**

**Anthony Vella**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz mahrug mill-attur fis-7 ta' Lulju 2000 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur is-somma ta' tlett mitt lira Maltija (Lm300.00) li l-konvenut ircieva minghand l-attur taht pretenzjonijiet foloz.

Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja tad-29 ta' Gunju 2000 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi t-talba attrici hija totalment infondata u bla ebda bazi ta' verita'. Il-konvenut qatt ma ssellef jew ottjena xi flus minghand l-attur.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

L-attur ighid illi fi Frar ta' cirka sentejn ilu l-konvenut Anthony Vella kien talbu tlett mitt lira (Lm300.00) b'mod urgenti u dana taghhomlu. Dak iz-zmien kienu hbieb u l-unika kondizzjoni illi l-attur ghamillu kien illi jaghtihomlu lura meta jista. Gie allegat li l-konvenut ried dawn il-flus biex jaghtihom lil certa Anna Scerri illi l-attur kellu grazzja maghha. Il-flus gew konsenjati lill-konvenut dak in-nhar stess li ntalbu, f'denominazzjonijiet ta' ghaxar liri. Prezenti kien hemm Dominic Scerri.

Wara xi zmien Anna Scerri kienet cemplitlu u qaltlu biex ma taghti flus lil hadd peress illi hija qatt ma talbet flus. Meta ghadda z-zmien u l-konvenut beda jinnega li huwa rcieva dawn il-flus minghand il-konvenut, u ghalhekk l-attur irrikorra ghand l-avukat u eventwalment il-Qorti.

Il-konvenut minn naha l-ohra qieghed jinnega li huwa qatt ha xi flus minghand l-attur. Fost ix-xhieda prodotti hemm Dominic

Scerri li suppost kien prezenti meta ghaddew il-flus. Quddiem il-Qorti pero' kullma qal kien biss li ma "jidhirlux" li qatt semgha lill-konvenut jitlob xi flus minghand l-attur u lanqas ra xi flus jghaddu minghand l-attur ghal ghand il-konvenut.

Importanti pero' hija x-xhieda ta' George Ciantar illi zmien minnhom inzerta kien ghaddej minn quddiem il-forn tal-konvenut u semgha lill-istess konvenut jikkummenta fis-sens illi ma kienx sejjer jghati l-flus lill-attur peress illi dana ma kellu xejn x'juri illi ghaddihomlu.

Il-Qorti jidhirlha illi din ix-xhieda hija determinanti ghall-istanza attrici. Il-Qorti rat il-komportament ta' George Ciantar fuq il-pedana u tara li huwa bniedem kredibbli u veritjer. Mhux l-istess tista tghid ghal Miriam Vella, li minkejja illi nnegat kull konoxxenza ta' din il-vigenda ma hemmx dubbju illi dina taf dwarha ferm iktar milli kienet lesta li tghid lill-Qorti. Evidentement hemm certa diffidenza bejnha u bejn il-konvenut, kif ukoll bejn il-konvenut u Dominic Scerri li wara kollox dan ta' l-ahhar ghadu jahdem mal-istess konvenut, allura l-Qorti tifhem ir-*rilottanza* illi dana jixhed kontra tieghu. Madana kollu l-Qorti jidhrilha illi l-attur ipprova fi grad illi trid il-Ligi li huwa silef dawn il-flus lill-konvenut u li dana ngustament qieghed icahhdu mir-ritorn taghhom.

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi,

Tilqa t-talba ta' l-attur u tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur is-somma ta' tlett mitt lira Maltija (Lm300.00) li l-konvenut ircieva minghand l-attur taht pretenzjonijiet foloz.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz kontra l-konvenut.

Anthony Zammit

Dep Reg